MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 168/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elton Bowell**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elton Bowell talli fl-24 ta' Novembru 1996 ghall-habta ta. 4.19 p.m. fl-ex Runway ta' Hal-Far:

(1) saq vettura (Dragster) minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq;
(2) minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(3) minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni;
(4) saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;
(5) b'manjera perikoluza; u

(6) traskurata.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitux hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm25 u ordnat l-iskwalifika tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur mill-ghada ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Elton Bowell ipprezentat fis-26 ta' mejju 2005 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji li sejrin jigu trattati f'din is-sentenza jirrigwardaw il-preskrizzjoni.

Il-perijodu preskrittiv ghat-tielet u ghar-raba' imputazzjonijiet, stante li dawn huma ta' natura kontravvenzjonali, huwa ta' tliet xhur. Il-perijodu preskrittiv dwar il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, li l-piena taghhom hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur, huwa ta' sentejn.

Mill-atti jirrizulta li, wara li kienu nstemghu l-provi quddiem l-ewwel Qorti u saru numru ta' differimenti, l-ahhar li kien deher l-appellant quddiem l-ewwel Qorti kien fis-7 ta' Ottubru 1998. Wara dik is-seduta saru tlettax-il seduta li ghalihom l-appellant ma deherx. Pero` jirrizulta li fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2001 giet esebita riferta mnejn

jirrizulta li kien gie notifikat fit-30 ta' Mejju 2001. Bejn is-7 ta' Ottubru 1998 u t-30 ta' Mejju 2001 ghaddew kwazi sentejn u tmien xhur minghajr ma nkiser il-perijodu preskrittiv fir-rigward tar-reati addebitati lill-appellant.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm25 u skwalifikatu mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur u minflok tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonjiet preskritta u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------